



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9378/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0159(NLE)

FISC 116
ECOFIN 464
ENER 188

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2022
lil:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 219 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Finlandja tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut lil ċerti pompi tas-sħana, bojlers elettriċi u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 219 final.

Mehmuż: COM(2022) 219 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2022
COM(2022) 219 final

2022/0159 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Finlandja tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut lil
ċerti pompi tas-sħana, bojlers elettriċi u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid,
f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-Unjoni hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹ (id-“Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija”, l-“ETD” jew id-“Direttiva”).

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Awwissu 2021, segwita minn korrispondenza ulterjuri tal-4 ta' Novembru 2021, tas-26 ta' Jannar u tas-16 ta' Frar 2022, l-awtoritajiet Finlandiżi talbu awtorizzazzjoni biex japplikaw rata mnaqqs ta' tassazzjoni fuq l-elettriku użat għall-enerġija ta' ċerti pompi tas-sħana, bojlers elettriċi u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid. Il-perjodu ta' validità mitlub huwa ta' sitt snin, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2027, li huwa fi ħdan il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. L-objettiv ta' din il-proposta huwa li dik l-awtorizzazzjoni tingħata permezz ta' deroga valida għal sitt snin, kif mitlub, sal-31 ta' Diċembru 2027.

Il-Finlandja qed tfittex awtorizzazzjoni biex tapplika r-rata nazzjonali prevista għall-użu kummerċjali tal-elettriku ta' EUR 0,63/MWh (rata tikkettata “kategorija II” skont il-liġi Finlandiża li tkopri biss ċerti setturi kummerċjali²), li hija oġġla mir-rata minima tal-ETD għall-użu kummerċjali tal-elettriku ta' EUR 0,5/MWh³, għal dan li ġej: pompi tas-sħana u bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW li ma jkunx konnessi man-network tat-tisħin distrettwali, u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali. F'dak il-kuntest, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Finlandiżi, il-miżura għandha timmira kemm xi użu speċifiku kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali tal-elettriku⁴. Ir-rata nazzjonali applikabbli għall-elettriku għall-użu mhux kummerċjali (rata bl-isem ta' “kategorija I” skont ir-regoli Finlandiżi, li tkopri kolloxx għajr il-kategorija II, inklużi

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51-70.

² L-awtoritajiet Finlandiżi spjegaw li r-rata aktar baxxa (“kategorija II”) tat-taxxa fuq l-elettriku mill-użu kummerċjali kienet tapplika għal setturi bħall-industrija, l-agrikoltura, il-minjieri u ċ-ċentri tad-data.

³ It-Tabella C tal-Artikolu 10(1) u l-Anness I tad-Direttiva.

⁴ F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Finlandiżi ssottolinjaw, pereżempju, li filwaqt li kooperattiva tal-akkomodazzjoni tista' timmaniġġa l-pompa tas-sħana hija stess, huwa possibbli li l-istess kooperattiva ta' akkomodazzjoni tkun tista' tixtri s-servizz tal-pompa tas-sħana minn kumpanija tal-enerġija; f'termini tal-objettiv tal-miżura, ma jkunx iġġustifikat li t-trattament tat-taxxa jkun differenti f'dawk is-sitwazzjonijiet abbażi ta' jekk l-operatur huwiex kooperattiva ta' akkomodazzjoni jew kumpanija tal-enerġija. Barra minn hekk, il-ktajjen tal-provvista fiżiċi tal-elettriku fi proprjetà spiss ikunu kumplessi ħafna, peress li hemm atturi differenti fl-istess binja (b'konnessjoni tal-elettriku waħda) - l-istess binja spiss ikollha appartamenti residenzjali u bini kummerċjali. Għalhekk, f'xi sitwazzjonijiet, is-separazzjoni tal-bini kummerċjali u ta' akkomodazzjoni fi ħdan in-network tal-proprjetà immobbli sabiex jiġi implimentat tnaqqis fit-taxxa, tkun impossibbli. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Finlandiżi enfasizzaw li kooperattiva ta' akkomodazzjoni tista' tbigħ is-sħana li tiġġenera lura lin-network tat-tisħin distrettwali, u f'dan il-każ, kooperattiva ta' akkomodazzjoni jista' jkollha wkoll natura kummerċjali.

l-unitajiet domestiċi) hija stabbilita għal EUR 22,53/MWh, ferm ogħla mir-rata minima korrispondenti tal-ETD ta' EUR 1/MWh⁵.

It-tnaqqis għandu l-għan li jipprovdi inċentivi għall-varar u l-użu ta' ġenerazzjoni tat-tisħin li taħdem bl-elettriku li altrimenti tkun tiddependi ħafna minn fjuwils fossili li jniġġsu jew fuq il-bijomassa u li jippromwovi l-produzzjoni tas-sħana mhux mill-kombustjoni (bħala sors tas-sħana, pereżempju l-pompi tas-sħana jistgħu jużaw, fost l-oħrajn, it-temperatura ta' barra, is-sħana mill-art u l-enerġija ġeotermali aktar profonda, l-ilma tal-baħar u tal-għadajjar u s-sħana mill-ilma mormi; jistgħu jintużaw ukoll sorsi differenti tas-sħana mormija mill-industrija, miċ-ċentri tad-*data* u minn sistemi oħra tat-tkessi bħala sorsi tas-sħana) sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġu ffrankati r-riżorsi naturali fossili u rinnovabbli.

Ir-rata mnaqqsa tkun tapplika għall-pompi tas-sħana u għall-bojlers elettriċi fin-network tat-tisħin distrettwali, għall-pompi tas-sħana barra min-network tat-tisħin distrettwali li għandhom output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW u għall-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali. Skont ir-raġunament mogħti mill-Finlandja, it-tassazzjoni tal-pompi tas-sħana u tal-bojlers elettriċi kollha b'rata aktar baxxa ma tkunx iġġustifikata u bbażata sew għal diversi raġunijiet.

Meta jitqiesu pereżempju l-pompi tas-sħana, dawk ta' daqs iżgħar - li ma humiex koperti mill-miżura mitluba - huma meqjusa li diġà huma kompetittivi ħafna. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tat-taxxa fuq l-elettriku tal-kategorija II għal dawk tkun tirrikjedi kejl separat tal-elettriku għall-finijiet inkwistjoni u r-reġistrazzjoni tal-benefiċjarji. Hemm aktar minn 1,1 miljun pompa tas-sħana fil-Finlandja, u għalhekk il-kwantità tkun kbira ħafna u l-piż amministrattiv ikun sinifikanti għal partijiet differenti.

Min-naħa l-oħra, abbażi tal-istimi tal-awtoritajiet Finlandiżi għall-2022, il-kriterji magħżula jnaqqsu n-numru ta' benefiċjarji għal inqas minn mija.

Il-miżura tkun tapplika għal dawk il-benefiċjarji, li jħallsu 2,19 ċenteżmi/kWh inqas mir-rata standard, li tirriżulta f'EUR 10 sa 15-il miljun ta' nefqa fuq it-taxxa, fil-forma ta' dħul mit-taxxa aktar baxx (skont l-istimi għall-2022).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija

It-tassazzjoni fuq l-elettriku hija rregolata mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. B'mod partikolari, l-Artikolu 10 u l-Anness I, it-Tabella C ta' dik id-Direttiva, jipprevedu l-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni, differenzjati f'użu kummerċjali u mhux kummerċjali, stabbiliti rispettivament għal EUR 0,5/MWh u EUR 1/MWh.

L-Artikolu 11 tad-Direttiva fih, fost l-oħrajn, id-definizzjoni ta' "użu kummerċjali" u jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-livell imnaqqas ta' tassazzjoni għall-użu kummerċjali.

Il-Finlandja llimitat l-ambitu tar-rata aktar baxxa tat-taxxa fuq l-elettriku mill-użu kummerċjali, ir-rata tal-kategorija II ta' EUR 0,63/MWh, għal ċerti setturi kummerċjali, jiġifieri l-industrija, l-agrikoltura, il-minjieri u ċ-ċentri tad-*data*.

⁵ It-Tabella C tal-Artikolu 10(1) u l-Anness I tad-Direttiva.

Konsum tal-elettriku ieħor, bħall-elettriku użat mill-unitajiet domestiċi, jappartjeni għall-kategorija tat-taxxa I, stabbilita għal EUR 22,53/MWh.

Ir-rata tat-taxxa mnaqqsa proposta ta' EUR 0,63/MWh għall-elettriku tkopri l-pompi tas-sħana u l-bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali; il-pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW mhux konnessi man-network tat-tisħin distrettwali, u l-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali jkunu intitolati għat-taxxa aktar baxxa fuq l-elettriku.

Minħabba raġunijiet ta' applikazzjoni konsistenti u uniformi u ta' implimentazzjoni Prattika, ir-rata aktar baxxa tat-taxxa fuq l-elettriku tapplika mhux biss għal xi użu kummerċjali iżda wkoll għal xi użu speċifiku mhux kummerċjali, li għandu jkun soġġett għal-livell oġġla ta' tassazzjoni skont ir-rata Finlandiża tal-kategorija I ta' EUR 22,53/MWh. F'dan ir-rigward, sabiex ikompli jissostanzjaw it-talba tagħhom, l-awtoritajiet Finlandiżi enfasizzaw ukoll li l-Artikolu 15(1)(h) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri japplikaw eżenzjoni fil-livell ta' tassazzjoni fuq l-elettriku użat mill-unitajiet domestiċi, filwaqt li fil-pajjiż tagħhom, it-tassazzjoni fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi tibqa' għolja ħafna⁶ (kategorija I tar-rati tat-taxxa Finlandiżi hija stabbilita għal EUR 22,53/MWh, ħafna oġġla mil-livell minimu tal-UE). Madankollu, ir-rata tat-taxxa nazzjonali mitluba tkun oġġla mil-livell minimu ta' tassazzjoni tal-ETD għall-użu kummerċjali.

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jaqra kif ġej:

Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

Il-possibbiltà li jiġi introdott ħelsien mit-taxxa (rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku) għall-elettriku fornut lill-pompi tas-sħana, lill-bojlers elettriċi u lill-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid, li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, tista' tiġi prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, peress li l-għan tagħha huwa li tippermetti lill-Istat Membru rikjedenti jintroduċi tnaqqis ulterjuri għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi. L-appoġġ għall-elettrifikazzjoni tas-settur tal-użu finali tat-tisħin u l-promozzjoni tal-produzzjoni tas-sħana mhux mill-kombustjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġu ffrankati r-riżorsi naturali fossili u rinnovabbli jistgħu jitqiesu bħala tali kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi. L-għan tal-Finlandja huwa li ssir newtrali għall-klima sal-2035. Il-miżura mitluba trawwem l-ilħuq ta' dak il-għan.

Il-Finlandja talbet li l-miżura tkun applikabbli għal sitt snin (mill-1 ta' Jannar 2022), il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva. Fil-prinċipju, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed biex jinkoraġġixxi l-investiment fis-soluzzjonijiet tat-tisħin immirati li jaħdmu bl-elettriku. Dak il-perjodu jipprovdi ċ-ċertezza legali massima possibbli għall-investimenti rilevanti.

⁶ L-istess awtoritajiet osservaw li f'pajjiżhom, madwar nofs l-elettriku jiġi kkunsmat fil-kategorija tat-taxxa oġġla, kategorija I, u l-unitajiet domestiċi jammontaw għal ftit aktar minn nofs fil-kategorija tat-taxxa. Min-naħa l-oħra, it-tibdil propost fit-taxxa jikkonċerna madwar 1 % tal-bażi totali taxxabbli tat-tassazzjoni fuq l-elettriku fil-pajjiż.

Madankollu, id-deroga ma għandhiex iddgħajjef l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti u għandha tqis ir-reviżjoni attwali tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u l-adozzjoni possibbli mill-Kunsill ta' att legali bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija⁷.

F'dawk iċ-ċirkostanzi, filwaqt li jidher xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mitlub, il-validità tad-deroga għandha tkun magħmula soġġetta għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni, f'mument aktar kmieni mill-31 ta' Diċembru 2027.

Regoli dwar l-ġajjnuna mill-Istat

Ir-rata tat-taxxa mnaqqsqa prevista ta' EUR 0,63 għal kull MWh hija ogħla mil-livell minimu ta' tassazzjoni tal-UE fuq l-elettriku għall-użu kummerċjali skont l-Artikolu 10 u l-Anness I, it-Tabella C tad-Direttiva 2003/96/KE.

Il-miżura tista' tikkostitwixxi ġajjnuna mill-Istat f'konformità mal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Peress li r-rata mnaqqsqa hija ogħla mil-livell minimu tal-UE, il-miżura tkun koperta mill-Artikolu 44 tar-Regolament 651/2014/UE (ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa)⁸. Hekk kif jiskadi l-perjodu ta' validità tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa fil-31 ta' Diċembru 2023, l-ġajjnuna tibqa' eżentata matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur (ara l-Artikolu 58(4) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa). Id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-ġajjnuna mill-Istat matul il-perjodu kopert mid-deroga.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Politika tal-ambjent u t-tibdil fil-klima

Il-miżura mitluba għandha l-għan li tippromwovi l-produzzjoni tas-sħana mhux mill-kombustjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġu salvati r-riżorsi naturali fossili u rinnovabbli. Fl-Artikolu 13 tagħha, id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent⁹ tirrikjedi lill-Istati Membri jiżguraw li l-livelli ta' bosta mis-sustanzi li jniġġsu l-arja jinżammu taħt il-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira u l-istandards l-oħrajn tal-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttiva.

Barra minn hekk, it-taħlita tal-elettriku speċifika għall-pajjiż tal-Finlandja tikkonsisti l-aktar minn enerġija rinnovabbli (47 %) u elettriku nukleari (35 %)¹⁰, li t-tnejn huma b'livell żero jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, huwa mistenni li aktar elettrifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tat-tisħin fuq skala kbira se tirriżulta f'benefiċċji ambjentali u klimatiċi sinifikanti.

⁷ Proposta għal direttiva tal-kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni), 14.7.2021, COM(2021)563 final 2021/0213 (CNS). Fil-kuntest tal-pakkett "leste għall-mira ta' 55 %", il-proposta għandha l-għan, fost l-oħrajn, li trawwem l-elettrifikazzjoni u l-użu ta' sorsi tal-enerġija aktar sostenibbli; barra minn hekk, hija żżomm il-possibbiltà attwali li l-Istati Membri jitolbu derogi.

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' ġajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78).

⁹ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

¹⁰ Il-Kummissjoni Ewropea: Skedi tad-data statistiċi tal-pajjiżi dwar l-enerġija

Għalhekk, il-miżura hija kompatibbli mal-politiki tal-UE dwar l-ambjent u l-enerġija, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-idoneità għall-pakkett “leste għall-mira ta’ 55 %” li jippromwovi l-elettrifikazzjoni, u l-aġenda ta’ dekarbonizzazzjoni fit-tul tal-2050, li fiha l-elettrifikazzjoni għandha rwol ċentrali.

Il-politika dwar l-enerġija

Il-miżura tikkontribwixxi għat-twettiq tal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, speċjalment fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija¹¹.

L-Istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija tipprovdi l-qafas għat-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika. Il-mudell attwali li fih il-konsum tal-enerġija fit-trasport, fl-industrija, fil-gass u fil-bini qed iseħħ f’“silos” - kull wieħed bi ktajjen ta’ valur, regoli, infrastruttura, ippjanar u operazzjonijiet separati - ma jistax jikseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'mod kosteffiċjenti. Il-miżura mitluba trawwem l-integrazzjoni tas-settur tal-użu finali tat-tisħin ma’ setturi oħra tal-użu finali. F’konformità mal-Istrateġija, il-miżura mitluba tnaqqas ukoll il-kostijiet ta’ soluzzjonijiet innovattivi li jridu jiġu integrati fis-sistema tal-enerġija tal-UE. Il-miżura mitluba tikkontribwixxi direttament għal tnejn mit-tliet pilastri tal-Istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija.

L-ewwel nett, sistema tal-enerġija aktar “ċirkolari”, bl-effiċjenza enerġetika fil-qalba tagħha. L-istrateġija tidentifika azzjonijiet konkreti biex jiġi applikat il-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” fil-prattika u biex jintużaw is-sorsi tal-enerġija lokali b'mod aktar effettiv fil-bini jew fil-komunitajiet. Hemm potenzjal sinifikanti fl-użu mill-ġdid tas-sħana mormija minn siti industrijali, ċentri tad-data, jew sorsi oħra, u l-enerġija prodotta mill-bijoskarta jew fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. Il-miżura mitluba mill-Finlandja għandha l-għan li tappoġġa, fost l-oħrajn, l-użu tas-sħana mormija minn sorsi elenkati b'mod espliċitu mill-Istrateġija.

It-tieni, elettrifikazzjoni diretta akbar tas-setturi tal-użu finali. Peress li s-settur tal-enerġija għandu l-akbar sehem ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, l-elettriku għandu jintuża dejjem aktar fejn possibbli, pereżempju, għall-pompi tas-sħana fil-bini. Il-miżura mitluba mill-Finlandja għandha l-għan li tappoġġa l-applikazzjoni li taħdem bl-elettriku, f’konformità mal-Istrateġija.

Dik il-miżura trawwem l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija peress li n-networks tat-tisħin distrettwali joffru aktar flessibbiltà u kapaċità li jaħżnu l-enerġija elettrika fil-forma ta’ sħana meta mqabbla ma’ soluzzjonijiet separati għat-tisħin tal-bini. Il-Finlandja diġà għandha infrastruttura tat-tisħin distrettwali żviluppata sew, li tista’ sservi dak l-għan.

Id-deroga mitluba biex tintuża rata tat-taxxa aktar baxxa tapplika wkoll, fost l-oħrajn, għal ċerti bojlers elettriċi. Tali tnaqqis jista’ jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u għall-integrazzjoni tas-sistema tal-elettriku rinnovabbli. Il-bojlers elettriċi jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tas-sħana fin-networks tat-tisħin distrettwali speċjalment fiż-żminijiet meta jkun hemm eċċess ta’ elettriku u l-prezz tal-elettriku jkun baxx. Dan jippermetti, pereżempju, l-użu tal-enerġija mir-riħ għall-produzzjoni tas-sħana distrettwali. Il-kostijiet żgħar tal-investment tal-bojlers elettriċi jippermettu l-profittabbiltà bi ftit sigħat operatorji biss u l-produzzjoni tas-sħana tista’ sseħħ biss meta jkun hemm provvista żejda ta’ elettriku. Dan jista’ jikkontribwixxi għaż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku. L-

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Nixprunaw ekonomija newtrali għall-klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija (COM/2020/299 final tat-8.7.2020).

impatt tat-tassazzjoni fuq l-elettriku fuq il-kost tal-produzzjoni tas-sħana bħalissa huwa sinifikanti u, kif intqal qabel, jista' jkun mument tajjeb biex jintuża dak l-apparat. Il-bojlers elettriċi jistgħu jiġu kkombinati mal-kapaċità ta' ħżin tas-sħana, li tippermetti l-ħżin tal-enerġija żejda bħala sħana.

Il-miżura mitluba mill-Finlandja hija wkoll konformi mal-Istrateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiġ¹² li tfakkar il-benefiċċji tas-sostituzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' tisħin ibbażati fuq il-fjuwils fossili permezz ta' pompi tas-sħana u l-użu tas-sħana mormija. L-Istrateġija tiddikjara li l-pompi tas-sħana jistgħu jibdlu unità waħda tal-elettriku fi tliet unitajiet jew aktar ta' tisħin jew tkessiġ.

Il-benefiċċji msemmija hawn fuq huma enfasizzati wkoll fil-kuntest tad-Direttiva tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika u b'mod speċifiku mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontenut tal-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal ta' tisħin u tkessiġ effiċjenti skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE¹³ (id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika).

Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta

Il-miżura tkun miftuħa għall-operaturi kollha tal-UE mingħajr diskriminazzjoni. Ir-rata mnaqqsa tapplika għall-produtturi kollha tas-sħana li jużaw pompi tas-sħana u bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW użati barra min-network tat-tisħin distrettwali u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' leġislazzjoni sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi iżjed eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma huwiex applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att ma huwiex abbozz ta' att leġislattiv, ma għandux jiġi trazzmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE dwar it-tisħin u t-tkessiġ (COM/2016/051 final tas-16.2.2016).

¹³ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1659 tal-25 ta' Settembru 2019 dwar il-kontenut tal-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal tisħin u tkessiġ effiċjenti skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-oġettiv inkwistjoni.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma tirrikjedix l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Finlandja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma tirrikjedix valutazzjoni tal-impatt.

Madwar l-UE, is-settur tal-użu finali tat-tisħin ġeneralment jiddependi mill-kombustjoni tal-fjuwils fossili. Skont id-*data* tal-Eurostat (NRG_BAL_PEH) 70 % tas-sħana derivata hija prodotta mill-fjuwils fossili. Fost l-oħrajn, il-pompi tas-sħana huma alternattivi li jaħdmu bl-elettriku għall-ġenerazzjoni tas-sħana bbażata fuq il-fjuwils fossili. Peress li t-taħlita tal-elettriku speċifika għall-pajjiż tal-Finlandja tikkonsisti l-aktar minn enerġija rinnovabbli (47 %) u elettriku nukleari (35 %), li t-tnejn li huma għandhom livell żero jew livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, huwa mistenni li aktar elettrifikazzjoni ta' applikazzjonijiet tat-tisħin fuq skala kbira se tirriżulta f'benefiċċji ambjentali sinifikanti. Barra minn hekk, dawk il-benefiċċji jistgħu jipprovdu kontribut għall-ilħuq tal-oġettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni.

Fir-rigward b'mod partikolari tal-pompi tas-sħana u tat-tisħin distrettwali, skont studju kkummissjonat mill-Gvern Finlandiż, fl-2020 fil-Finlandja, 11 % tal-produzzjoni totali tat-tisħin distrettwali kienet ibbażata fuq sorsi ta' sħana mormija. Il-potenzjal żejjed mhux użat tas-sħana u tas-sħana mormija huwa stmat li huwa sinifikanti, iżda l-użu ta' flussi differenti ta' sħana fil-produzzjoni tas-sħana distrettwali spiss ikun ta' sfida u l-fattibbiltà u l-profittabbiltà tal-użu tas-sħana mormija jvarjaw b'mod konsiderevoli. Il-kost tal-elettriku tal-pompi tas-sħana huwa fattur ċentrali wieħed li għandu impatt fuq il-profittabbiltà tal-investment u l-użu tal-pompi tas-sħana. Bil-livell attwali tat-taxxa fuq l-elettriku fil-Finlandja, is-sehem tat-taxxa fuq l-elettriku huwa parti sinifikanti mill-kost totali tal-elettriku. Abbażi tal-istudji tal-każ analizzati, l-effett tal-kost tat-tassazzjoni fuq l-elettriku huwa ta' madwar 10-20 % tal-kostijiet totali ta' pompa tas-sħana, meta jitqiesu kemm il-kostijiet operatorji kif ukoll dawk tal-investment. Jekk il-pompi tas-sħana użati fil-produzzjoni tas-sħana distrettwali jiġu ttrasferiti fit-taxxa fuq l-elettriku tal-kategorija II aktar baxxa, kif

mitlub mill-Finlandja, dan inaqas b'mod sinifikanti l-kost medju tal-produzzjoni ta' soluzzjonijiet differenti ta' pompi tas-sħana. Dan x'aktarx iżid l-interess li jsir investiment fil-pompi tas-sħana. Bħalissa s-soluzzjonijiet tal-produzzjoni tas-sħana bbażati fuq l-użu tal-fjuwil, speċjalment il-bijomassa lokali, huma tipikament aktar kosteffiċjenti meta mqabbla mas-soluzzjonijiet tal-pompi tas-sħana. Peress li l-Finlandja qed tnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili u tal-pit, dan ikun ifisser li l-użu tal-bijomassa fil-produzzjoni tat-tisħin distrettwali jiżdied malajr. Iż-żieda fl-użu tas-sħana mormija u ta' soluzzjonijiet differenti ta' pompi tas-sħana tista' tnaqqas iż-żieda fl-użu tal-bijomassa.

Barra minn hekk, l-istudju jenfasizza li l-użu tas-sħana mormija spiss ikun fih inċertezzi relatati mas-sigurtà tal-provvista tas-sħana, ir-riskji potenzjali tal-kontroparti u r-riskji relatati mal-kostijiet tal-investiment u d-disponibbiltà tas-sħana. Barra minn hekk, xi teknoloġiji, bħall-produzzjoni tal-enerġija ġeotermali, għadhom fil-fażi ta' pilotaġġ. It-tnaqqis fit-taxxa fuq l-elettriku għall-pompi tas-sħana jtejjeb il-kompetittività tal-pompi tas-sħana meta mqabbla ma' teknoloġiji oħra tal-produzzjoni tas-sħana, u jista' parzjalment jikkumpensa għal riskji u inċertezzi oħra konnessi mal-investimenti tal-pompi tas-sħana.

Fl-aħħar nett, kif osservat mill-awtoritajiet Finlandiżi, il-miżura tinvolvi mistoqsijiet li huma teknikament diffiċli biex jiġu implimentati. Il-miżura għandha tiġi implimentata b'mod immirat tajjeb, newtrali u ġust. Skont l-istimi tagħhom, in-nefqa baġitarja hija mistennija li tvarja minn EUR 10 sa 15-il miljun fl-2022.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tippredix simplifikazzjoni. Din hija r-riżultat ta' talba li għamlet il-Finlandja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma twassal għall-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ma hemm bżonn ta' ebda pjan ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija pprovduta għal perjodu limitat. Ir-rata tat-taxxa applikabbli tkun ogħla mil-livell minimu ta' tassazzjoni għall-elettriku għall-użu kummerċjali stabbilit mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Għalhekk, tkun tirrispetta l-minimu stabbilit mid-Direttiva għall-użu kummerċjali. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jkun hemm talba għal tiġdid wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità mogħti fil-bidu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-Finlandja se titħalla tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-elettriku fornut lill-applikazzjonijiet li ġejjin: il-pompi tas-sħana u l-bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, il-pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW barra min-network tat-tisħin distrettwali, u l-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali. Ir-rata ta' taxxa ma għandhiex tkun inqas minn EUR 0,50 għal kull MWh, jiġifieri l-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2022, sal-31 ta' Diċembru 2027, li huwa l-perjodu massimu permess mid-Direttiva.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Finlandja tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut lil ċerti pompi tas-sħana, bojlers elettriċi u pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra tas-6 ta' Awwissu 2021, il-Finlandja talbet awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut lill-pompi tas-sħana u lill-bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, lill-pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW mhux konnessi man-network tat-tisħin distrettwali, u lill-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE. Aktar informazzjoni u kjarifiki b'appoġġ għat-talba ġew ipprovduti mill-awtoritajiet Finlandiżi fl-4 ta' Novembru 2021, fis-26 ta' Jannar 2022, u fis-16 ta' Frar 2022.
- (2) Permezz tar-rata mnaqqsa prevista, il-Finlandja għandha l-għan li żżid l-elettrifikazzjoni tas-settur tal-użu finali tat-tisħin u li tippromwovi l-produzzjoni tas-sħana mhux mill-kombustjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Iż-żieda fl-użu ta' installazzjonijiet tat-tisħin li jaħdmu bl-elettriku hija mistennija li tirriżulta f'benefiċċji ambjentali u klimatiċi.
- (3) Li l-Finlandja titħalla tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-pompi tas-sħana u lill-bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, lill-pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW li ma jkunux konnessi man-network tat-tisħin distrettwali, u lill-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali, ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiżdied l-elettrifikazzjoni tas-settur tal-użu finali tat-tisħin. Tali installazzjonijiet tat-tisħin jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u jnaqqsu l-użu tal-produzzjoni tas-sħana abbażi tal-fjuwils ta' kombustjoni. Dawk l-installazzjonijiet għadhom ma humiex kompetittivi fis-suq, u l-miżura tillimita l-piż amministrattiv. Għalhekk, il-miżura x'aktarx li ma twassalx għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul il-ħajja tagħha u għalhekk mhux se taffettwa b'mod negattiv il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

¹⁴ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

- (4) Kull awtorizzazzjoni li tingħata skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE se tkun għal żmien limitat b'mod strett. Sabiex jiġi żgurat li l-perjodu tal-awtorizzazzjoni jkun twil biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi rilevanti ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa, huwa xieraq li l-awtorizzazzjoni tingħata mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2027. Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stipulat li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni tiegħa tapplika fil-jum li fih daww ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.
- (5) Sabiex l-operaturi tal-installazzjoni jkunu jistgħu jsegwu l-promozzjoni tal-pompi tas-sħana u tal-bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali, il-pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW mhux konnessi man-network tat-tisħin distrettwali, u l-pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-Finlandja tkun tista' tapplika t-tnaqqis fit-taxxa, kif mitlub, b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.
- (6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Diment li l-livell minimu ta' tassazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE, kif stabbilit għall-użu kummerċjali skont l-Anness I, it-Tabella C, ta' dik id-Direttiva, jiġi rrispettat, il-Finlandja hija awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut lil kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- a) pompi tas-sħana u bojlers elettriċi li jiġġeneraw is-sħana għan-network tat-tisħin distrettwali;
- b) pompi tas-sħana b'output termiku nominali ta' mill-inqas 0,5 MW mhux konnessi man-network tat-tisħin distrettwali;
- c) pompi tal-ilma li jiċċirkolaw mill-ġdid fl-impjanti tat-tisħin ġeotermali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Madankollu, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx ġiet adattata, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih dawk ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*